MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2010

Avviz Numru. 172/2010

**Maria Anne Mangion (ID 328550M)**

**Vs**

**Victor Fursov (Passport Ukren EA489435)**
**u Andrey Bryukhovestksy (Passport Ukren EA275508)**
**f'isimhom proprio u ghan-nom u in rappresentanza ta' Global Sun Limited (C43693)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti talbet sabiex l-intimati et pro et nomine jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu is-somma ta' 11,494.76 liema somma tirrapresenta kera mhux imhallsa ghall-fond Apt. 10, Hillside, Triq il-Qalb Imqaddsa, San Giljan, liema fond gie lill-konvenuti mikri permezz ta' kuntratt datatat 6 ta' Gunju 2008 (Dok A) u imgedded fl-1 ta' Gunju 2009 (Dok B), u liema kuntratt il-konvenuti ma kellhom ebda dritt li

tterminawh fil-15 ta' Settembru 2009, liema terminazzjoni ma gietx accettata mir-rikorrenti, kif jirrizulta mill-ittri skambjati u annessi mar-rikors bhala Dok. C, D u E.

L-ammont ta' 11,494.76 jirrapresenta rata mensili ta' 1250 ghal tmin xhur u nofs, oltre l-VAT fuqhom, ammontanti ghal 12537.50 u minn dawn tnaqqset is-somma ta' 1042.74 li hija depositu detenut mill-attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi ntavolat mar-rikors, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti pro et nomine mill-31 ta' Mejju 2010, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll it-traduzzjoni bil-lingwa Ingliza tal-istess rikors (fol 2 tal-istess atti) oltre id-dokumenti annessi mal-istess rikors u markati <u>Dok A, Dok B, Dok C, Dok D u Dok E</u> a fol 3 sa fol 12 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Viktor Fursov et pro et noe (fol 18 et seq ibid) u li biha esponew bir-rispett:-

a) Illi fl-ewwel lok dina l-Qorti mhix kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kawza 'ratione valoris'.
b) Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kawza hija nulla billi jonqos ir-ragel tal-attrici li flimkien jistghu jagixxu f'materji tal-komunjoni tal-akkwisti.
c) Minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attrici, billi l-kirja in kwistjoni giet terminata b'effett mill-15 ta' Settembru 2009 a termini tal-Artikolu 4 tal-iskrittura originali tal-lokazzjoni tas-6 ta' Gunju 2008, Dok A annessa mal-avvzi u dan skond l-ittra tal-1 ta' Settembru 2009 li kopja taghha qed tigi annessa u markata bhala Dok X u sussegwentement ic-cwievet tal-fond in kwistjoni gew depositati taht l-Awtorita' ta' dina l-Qorti b'Cedola ta' Depositu numru 1261/2009 (Dok. Y).
d) Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa esagerat.
e) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 2010 u tac-Cedola ta' Depositu numru 1261/2009 kontra l-attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni u b'riserva ghal dritt u azzjoni ghar-rifusjoni tas-somma ta' €1024.74 imhallsa bhala depositu u ghadha f'idejn l-attrici kif minnha mistqarr fl-avviz.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess risposta u markati Dok X u Dok Y a fol 20 u fol 21 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni li huma ta' natura preliminali.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza ser tittratta u tiddeciedi l-ewwel zewg eccezzjonijiet kif sottomessi stante li huma ta' natura preliminari u dwarhom ser jinghad is-sewgenti:-

a) L-intimati et pro et nomine jikkontendu illi din il-Qorti hi inkompetenti 'ratione valoris'.. Mill-istess rikors jidher li l-ammont pretiz mill-attrici jinvolvi s-somma ta' 11,494.76 presumibilment f'Euro kif spjegat b'mod aktar dettaljat, fit-tieni (2) paragrafu. Certament din il-figura ma tmurx oltre l-kompetenza ta' din il-Qorti fuq bazi ta' valur u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta.

b) In rigward it-tieni eccezzjoni mill-provi prodotti permezz ta' dokumenti, jirrisutla illi l-post in kwistjoni kien gie mikri mill-istess rikorrenti, wahedha, minghajr ebda referenza dwar jekk l-istess rikorrenti hiex mizzewga. Inoltre jigi notat, mill-lat legali, illi l-ftehim in esami jidher li hu ta' amministrazzjoni ordinarja u mhux straordinarja u a bazi tal-artikolu 1321 abbinat mal-artikolu 1322 tal-Kodici Civili '…. Il-jedd li wiehed jharrek jew jigi mharrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja jmissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga'. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni mhix sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni, bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------